



OPINJONI NRU 05/2012

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

TAT-22 TA' NOVEMBRU 2012

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni
dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi għat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru**

u

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni
dwar l-Aġenzija għall-awtorizzazzjoni tal-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi**

"Operaturi ta' Pajjiżi Terzi"

Werrej

Sommarju Eżekuttiv	4
Nota ta' Spjegazzjoni	5
I. Ġenerali	5
II. Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni	5
III. Struttura tar-regola.....	5
IV. Konsultazzjoni.....	7
Regolament ta' Kopertura dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi (TCO).....	8
I. Kamp ta' applikazzjoni	8
II. Harsa ġenerali lejn it-tweġibiet	8
III. Spjegazzjonijiet.....	8
Anness 1 – Parti-TCO	10
I. Ġenerali	10
II. Harsa ġenerali lejn it-tweġibiet	10
III. Spjegazzjonijiet.....	12
IV. Impatt ekonomiku jew amministrattiv tal-bidliet meta mqabbel mas-CRD	16
V. Parti-TCO	17
VI. Bidliet meta mqabbel mas-CRD.....	17
VII. Taqsima I Rekwiżiti ġenerali	17
<i>Kwistjonijiet speċifiċi</i>	17
TCO.100 Kamp ta' applikazzjoni	17
TCO.110 Differenzi nnotifikati lill-ICAO	17
Taqsima II Operazzjonijiet b-ajru	17
<i>Kwistjonijiet speċifiċi</i>	17
TCO.200 Rekwiżiti ġenerali	17
Taqsima IV – Awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi	18
<i>Kwistjonijiet speċifiċi</i>	18
TCO.300 Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni	18
TCO.315 Validità kontinwata	18
VIII. Parti-ART	18
IX. Taqsima I - Ġenerali	19

Kwistjonijiet speċifiċi	19
ART.110 Skambju ta' informazzjoni.....	19
ART.200 Proċedura ta' evalwazzjoni inizjali-ġenerali.....	19
ART.205 Proċedura ta' evalwazzjoni inizjali – operatori ta' pajjiżi terzi soġġetti għal projbizzjoni ta' operar	19
ART.210 Kwistjoni ta' awtorizzazzjoni.....	19
ART.215 Monitoraġġ.....	20
ART.220 Programm ta' monitoraġġ	20
ART.230 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi	20
ART.235 Limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjonijiet	20

Sommarju Eżekuttiv

Din l-Opinjoni tinkludi d-dokumenti li ġejjin:

- Regolament ta' Kopertura dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi (TCO);
- Anness 1 – Parti-TCO, Rekwiżiti għall-operaturi ta' pajjiżi terzi;
- Anness 2 – Parti-ART, Rekwiżiti ta' awtorità għall-awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi.

Din l-Opinjoni hija r-risultat ta' proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi l-awtoritajiet, l-assoċjazzjonijiet u l-operaturi. Tipprovdi abbozz ta' regoli aġġornati għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru fi, fi ħdan jew barra mill-UE (Parti-TCO) kif ukoll abbozz ta' regoli għall-awtorizzazzjoni inizjali, il-monitoraġġ kontinwu u s-segwitu tas-sejbiet fir-rigward tal-operaturi ta' pajjiżi terzi (Parti-ART).

L-iżvilupp ta' dawn ir-regoli kien ibbażat fuq dawn l-oġġettivi li ġejjin:

- jiġi assigurat livell għoli ta' sigurtà;
- jinħoloq sett distintiv u proporzjonat ta' regoli għall-operaturi ta' pajjiżi terzi;
- tiġi ggarantita flessibilità u effiċjenza għall-operaturi ta' pajjiżi terzi u l-Aġenzija.

Il-kwistjonijiet u t-tħassib li rriżulta mill-kummenti u t-tweġibiet irċevuti kienu:

- il-possibilità ta' miżuri ta' ritaljazzjoni fuq l-operaturi tal-UE;
- il-proporzjonalità tal-metodoloġija ta' valutazzjoni;
- ir-relazzjoni bejn ir-regoli proposti f'NPA 2011-05 u r-Regolament (KE) Nru 2111/2005;
- il-ħlasjiet previsti għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-operaturi ta' pajjiżi terzi.

Nota ta' Spjegazzjoni

I. Ġenerali

1. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku") kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009² jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u t-twettiq tar-rekwiżiti tekniċi komuni u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
2. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-tfassil ta' Regoli ta' Implimentazzjoni għall-operaturi ta' pajjiżi terzi.
3. L-Opinjoni ġiet adottata, billi ġiet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija")³, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.

II. Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni

4. Din l-Opinjoni tikkonsisti mid-dokumenti li ġejjin:
 - Regolament ta' Kopertura dwar it-TCO,
 - Anness 1 – Parti-TCO, Rekwiżiti għall-operaturi ta' pajjiżi terzi,
 - Anness 2 – Parti-ART, Rekwiżiti ta' awtorità għall-awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi.


III. Struttura tar-regola

5. Il-figura li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-Annessi skont ir-Regolament għall-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi.

¹ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1-49.*

² Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġesjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/33/KE. *ĠU L 309, 24.11.2009, pp. 51-70.*

³ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ tal-Opinjonijiet, l-Ispċifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjonijiet u l-Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). *EASA MB 01-2012, 13.03.2012.*

Figura 1: Annessi tar-Regolament dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi

6. Parti-TCO tinkludi r-rekwiżiti għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu trasport kummerċjali bl-ajru fi, fi ħdan jew barra mill-Unjoni Ewropea.
7. Din il-Parti tikkonsisti minn tliet taqsimiet:
 - Taqsima I – Rekwiżiti ġenerali,
 - Taqsima II – Operazzjonijiet b-ajru,
 - Taqsima III – Awtorizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.
8. NPA 2011-05 kienet tinkludi rekwiżiti għall-Aġenzija (fis-Subparti AR-TCO) li jstabbilixxu kif sejra tipproċessa l-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi ta' pajjiżi terzi u kif sejra tissorvelja dawn l-operaturi. Dawn ir-rekwiżiti jikkumplementaw ir-rekwiżiti ġenerali ddefiniti fit-Taqsimiet I sa III ta' Parti-ARO-GEN (kif ippublikati fl-Opinjoni 04/2011⁴), li japplikaw ukoll għall-Aġenzija meta tawtorizza u tissorvelja l-operaturi ta' pajjiżi terzi.
9. Parti-ART tinkludi r-rekwiżiti kollha, inkluż ir-rekwiżiti rilevanti li huma inklużi fit-Taqsimiet 1 sa II ta' Parti-ARO-GEN, applikabbli għall-Aġenzija meta tawtorizza u tissorvelja l-operaturi ta' pajjiżi terzi li jtiru fi, fi ħdan jew barra mill-UE.

⁴ Opinjoni 04/2011 Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../...ta' ... dwar ir-Rekwiżiti tal-Awtorità u r-Rekwiżiti ta' Organizzazzjoni. Disponibbli minn fuq il-websajt tal-Aġenzija: <http://easa.europa.eu/agency-measures/opinions.php>.

10. Din il-Parti tikkonsisti minn tliet taqsimiet:
 - Taqsima 1 - Ġenerali,
 - Taqsima 2 – Awtorizzazzjoni, sorveljanza u infurzar.

IV. Konsultazzjoni

11. Din l-Opinjoni hija bbażata fuq NPA 2011-05 li tinkludi abbozz ta' proposti għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IR) u Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) relatati u Materjal ta' Gwida (GM) għall-Aġenzija u l-operaturi ta' pajjiżi terzi.
12. L-NPA ġiet ippubblikata fuq il-websajt tal-Aġenzija (www.easa.europa.eu) fl-1 ta' April 2011 u l-perjodu ta' konsultazzjoni mal-pubbliku spiċċa fit-8 ta' Lulju 2011. L-Aġenzija rċeviet 234 kumment minn 39 kummentatur, inkluż awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali (NAAs), organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
13. L-Aġenzija laqgħet u ħadet sehem ukoll f'bosta laqgħat mal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija li taw pariri lill-Aġenzija dwar kwistjonijiet speċifiċi, eż il-proporzjonalità tal-metodoloġija ta' valutazzjoni u r-relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005⁵.
14. Abbażi ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-awtoritajiet, l-assoċjazzjonijiet u l-operaturi, l-Aġenzija ppubblikat is-CRD fis-26 ta' Jannar 2012. Il-perjodu għat-tweġibiet spiċċa fis-26 ta' Marzu 2012. L-Aġenzija rċeviet 29 tweġiba minn 11-il NAA, kumpaniji professjonali u privati.

⁵ Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE, *ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15-22.*

Regolament ta' Kopertura dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi (TCO)**I. Kamp ta' applikazzjoni**

15. Ir-Regolament ta' Kopertura jiddefinixxi l-applikabbiltà ġenerali tal-Partijiet li jkopri u jipproponi miżuri ta' tranżizzjoni.

II. Farsa ġenerali lejn it-tweġibiet

16. It-tweġibiet irċevuti dwar ir-Regolament ta' Kopertura kienu jiffukaw fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-operaturi ta' pajjiżi terzi, il-miżuri ta' tranżizzjoni u d-dispożizzjoni ta' dħul fis-seħħ.

III. Spjegazzjonijiet

17. Ir-Regolament ta' Kopertura ppubblikat f'din l-Opinjoni jinkludi, skont l-Artikolu 4.1(d) u 9 tar-Regolament Bażiku, ir-rekwiżiti għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jużaw inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi.
18. L-Artikolu 2 jinkludi definizzjonijiet tat-termini użati fir-Regolament ta' Kopertura u fl-Annessi 1 u 2 ta' dan ir-Regolament. Id-definizzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) hija derivata mill-Anness 6 tal-ICAO u ġiet emendata xi ftit biex tikkunsidra d-definizzjoni ta' "operazzjoni kummerċjali" li hi inkluża fl-Artikolu 3(i) tar-Regolament Bażiku. Hija l-istess definizzjoni użata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012. Id-definizzjoni ta' "Sede prinċipali" ġiet allinjata mad-definizzjoni użata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012. Id-definizzjoni ta' "mezzi alternattivi ta' konformità" ġiet miżjuda sabiex tiġi allinjata mal-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2012 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 u l-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012. Id-definizzjoni ta' "titjira" ġiet miżjuda fil-kuntest tal-approċċ li għadu kif ġie introdott għal titjiriet mhux skedati. Din id-definizzjoni hija użata wkoll fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.
19. Artikolu 3 jinkludi r-rekwiżit li l-operaturi ta' pajjiżi terzi għandhom iżommu awtorizzazzjoni maħruġa mill-Aġenzija skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.
20. Artikolu 4 "Eliġibbiltà" ġie mħassar.
21. Artikolu 4 jinkludi d-dispożizzjonijiet ta' dħul fis-seħħ. Paragrafu 2 jispeċifika li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikomplu joħorġu u jġeddu l-permessi operattivi jew dokumenti ekwivalenti skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri sa 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew sad-data li l-Aġenzija tkun f'adattament ta' deċiżjoni skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament. Dan l-approċċ ġie magħżul sabiex jiżgura l-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet eżistenti ta' operaturi ta' pajjiżi terzi fl-UE peress li l-Istati Membri għandhom diversi skemi ta' approvazzjoni fis-seħħ u japplikaw perjodi ta' validità differenti meta jagħtu permessi operattivi. Huwa propost perjodu ta' tranżizzjoni ta' 30 xahar biex jippermetti lill-Aġenzija tipprepara b'mod xieraq għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-operaturi ta' pajjiżi terzi. Meta Stat Membru ma joħroġ l-ebda permess operattiv, l-operatur ta' pajjiżi terzi għandu japplika għal awtorizzazzjoni mingħand l-Aġenzija wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Aġenzija sejra

tivvaluta l-applikazzjoni skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament. L-operatur għandu japplika għal awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-applikazzjonijiet irċevuti wara dan il-perjodu jaf ma jiġux ipproċessati qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' 30 xahar, u dan ifisser li l-operazzjonijiet lejn l-UE jaf ikollhom jitwaqqfu sakemm l-Aġenzija toħroġ awtorizzazzjoni.

Anness 1 – Parti-TCO**I. Ġenerali**

22. Parti-TCO, kif proposta b'din l-Opinjoni, hija magħmula minn tliet taqsimiet:
- Taqsima I – Rekwiżiti ġenerali,
 - Taqsima II – Operazzjonijiet bl-ajru,
 - Taqsima III – Awtorizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.
23. It-test propost fl-Opinjoni jirrieffetti l-bidliet li saru fil-proposti interni tal-Aġenzija (kif ippubblikat f'NPA 2011-05) b'ħala riżultat ta' konsultazzjoni mal-pubbliku, kif ukoll bidliet ulterjuri li saru wara l-analiżi u l-valutazzjoni tat-tweġibiet li saru għas-CRD.

II. Harsa ġenerali lejn it-tweġibiet

24. Kif indikaw diġà l-kummenti għal NPA 2011-05, it-tweġibiet għas-CRD ifukaw fuq il-possibbiltà ta' ritaljazzjoni mill-NAAs ospitanti tal-operaturi ta' pajjiżi terzi billi jimponu ħlasijiet reċiproċi, meta jinġabru l-ħlasijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, peress li l-Aġenzija mhijiex l-awtorità li tiċċertifika jew tissorvelja, il-ġbir tal-ħlasijiet mhuwiex meqjus xieraq.
25. Kif diġà ddikjarat fis-CRD, l-Aġenzija tqis li l-kwistjoni tal-ħlasijiet taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni. It-tħassib kollu mqajjem sejjer jiġi kkunsidrat bir-reqqa u vvalutat matul l-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007⁶, l-hekk imsejjaħ "Regolament dwar id-Drittijiet u l-Ħlasijiet", fejn se jrin jiġu ddefiniti d-dettalji kollha.
26. Ġew imtennija wkoll ir-riżervi għall-metodoloġija ta' valutazzjoni proposta tal-operaturi ta' pajjiżi terzi peress li l-proposta fis-CRD, xorta waħda għadha meqjusa sproporzjonata, wisq kumplessa, wisq eżawrjenti fir-rigward tal-prinċipju ta' għarfien reċiproku taċ-ċertifikati skont il-Konvenzjoni ta' Chicago u li tirrappreżenta piż żejjed għall-operaturi ta' pajjiżi terzi. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi għandha tiġi ssimplifikata u limitata għal analiżi tad-dokumentazzjoni biss. L-analiżi tad-dokumentazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-programm ta' verifika tas-sorveljanza tas-sigurtà universali tal-ICAO (USOAP), ir-reġistru globali taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC) tal-ICAO u l-programm ta' verifika tas-sigurtà operattiva internazzjonali (IOSA).
27. Ġie indikat ukoll li r-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jistabbilixxi diġà l-istrumenti legali meħtieġa biex tiġi protetta s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u li l-verifiki fuq il-post għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
28. Fl-aħħar nett, għal xi partijiet interessati jidher li b'din il-proposta l-Aġenzija hija de facto tiegħu f'idejha r-responsabbiltajiet ta' sorveljanza mill-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni. Ġie indikat li r-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tas-sigurtà ma għandhomx jinqelbu mill-Istati Kontraenti tal-ICAO lejn l-Aġenzija.

⁶ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni.

29. Tabilħaqq, ir-rwol ewlieni fis-sorveljanza tas-sigurtà ta' kwalunkwe operatur huwa dak tal-Istat tal-operatur li jkun hwareg l-AOC. L-Aġenzija tirrispetta bi sħiħ ir-responsabbiltajiet assenjati lill-Istat tal-operatur fil-Konvenzjoni ta' Chicago u mhijiex beħsiebha tieħu f'idejha xi waħda mir-responsabbiltajiet imsemmija hawn fuq. Il-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-operaturi ta' pajjiżi terzi għandu aktar jiġi mifhum bħala proċess ta' validazzjoni li għandu l-għan li jivverifika l-affidabbiltà tal-informazzjoni ċertifikata oriġinarjament.
30. Barra minn hekk, mit-tweġibiet li rċeviet l-Aġenzija tifhem li l-mod li bih huwa ppreżentat il-metodu ta' valutazzjoni fil-proposta inizjali u l-ispjegazzjoni mogħtija fl-NPA u s-CRD jaf taw lok għall-idea li l-metodu ta' valutazzjoni huwa pjuttost strett u li jifrex il-mandat tal-Aġenzija mogħti mil-leġiżlatur. Kif intqal hawn fuq, qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Aġenzija li tieħu f'idejha r-rwol tal-istat ta' sorveljanza jew tapplika metodoloġija ta' valutazzjoni stretta.
31. Sabiex tiġi riflessa b'mod adegwat din l-intenzjoni u biex tiġi evitata kwalunkwe ambigwiżà dwar ir-rwol tal-Aġenzija, id-dispożizzjonijiet fil-Parti-ART relatati mal-metodoloġija ta' valutazzjoni għall-fażi inizjali u dik ta' monitoraġġ ġew immodifikati. Spjegazzjoni aktar iddettaljata sejra tingħata f'paragrafi 39-50.
32. F'ċerti tweġibiet ġie mtenni li l-prinċipju ta' għarfien reċiproku taċ-ċertifikati mhuwiex rifless biżżejjed f'din l-NPA u li l-Aġenzija għandha tirrikonoxxi AOCs barranin kif iddefiniti fil-Parti I 4.2.2.1 tal-Anness 6 tal-ICAO.
33. Kif diġà ġie indikat fis-CRD, l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Chicago jgħid li ċ-ċertifikati ta' ajrunavigabbiltà u ċ-ċertifikati ta' kompetenza u l-liċenzji maħruġa, jew ivvalidati, mill-Istat fejn huwa rreġistrat l-inġenju tal-ajru, għandhom jiġu rrikonoxxuti minn Stati oħra, sakemm dawk ir-rekwiżiti li taħthom inħarġu jew ġew ivvalidati dawn iċ-ċertifikati jew liċenzji jkunu jilħqu l-istandards minimi jew jaqbżuhom li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien skont il-Konvenzjoni". L-Aġenzija sejra tirrispetta l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Chicago fir-rigward taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà/kompetenza u l-liċenzji matul il-proċess kollu ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet ta' operatur ta' pajjiż terz kemm ikun possibbli. Madankollu, l-għarfien tal-AOCs mhuwiex indirizzat f'dan l-artikolu jew f'xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Ir-rekwiżit għall-għarfien ġie estiż għall-AOCs bl-Anness 6 Parti I 4.2.2.1. Il-prinċipju ta' għarfien reċiproku tal-AOCs kif stabbilit bl-ICAO Anness 6 Parti I 4.2.2.1 mhuwiex previst mingħajr limitazzjoni. AOC barrani għandu jiġi rikonoxxut biss, "sakemm dawk ir-rekwiżiti li taħthom inħareġ iċ-ċertifikat ikunu tal-anqas jilħqu l-istandards applikabbli speċifikati f'dan l-Anness". Parti-TCO ġiet abbozzata biex tiżgura eżattament dan il-prerekwiżit. Il-proċess ta' awtorizzazzjoni jivverifika li r-rekwiżiti li taħthom jinħareġ AOC barrani jkunu tal-anqas jilħqu l-istandards applikabbli.
34. It-tweġibiet dwar ir-relazzjoni bejn il-Parti-TCO u r-**Regolament (KE) Nru 2111/2005** enfasizzaw għal darb'oħra l-importanza li ż-żewġ regolamenti jkunu artikulati sew. Għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-proċeduri u għaldaqstant iż-żewġ proċessi għandhom ikunu differenti b'mod ċar. Ġie indikat ukoll li revoka ta' awtorizzazzjoni għandha ssir biss wara li tkun ittiegħdet deċiżjoni biex jiġi inkluż l-operatur fuq il-lista tas-Sigurtà tal-UE. Kien ikkunsidrat sensibbli għall-applikazzjonijiet mill-operaturi soġġetti għal projbizzjoni ta' operar li jiġu kkunsidrati wkoll bħala parti mill-proċess ta' tneħħija tal-projbizzjonijiet ta' operar. Madankollu, xi wħud mit-tweġibiet kienu kontradittorji. F'tweġiba minnhom, il-

prinċipju li l-operaturi pprojbiti jingħataw il-possibbiltà li japplikaw għal awtorizzazzjoni ġie rrifjutat peress li jista' jwassal għal deċiżjonijiet konfliġġenti filwaqt li f'tweġiba oħra l-approċċ meħud fil-proposta inizjali kien milqugħ. Il-prinċipju, rifless fil-proposta inizjali, li tingħata l-possibbiltà biss lill-operaturi li huma pprojbiti mill-UE minħabba l-prestazzjoni ħażina tal-operatur stess, tpoġġa' f'dubju peress li jagħmel diskriminazzjoni kontra l-operaturi pprojbiti minħabba sorveljanza mhux xierqa tal-istat ta' sorveljanza tiegħu.

35. Għaldaqstant, l-Aġenzija allinjat u sinkronizzat il-Parti-TCO b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni biex tiżgura integrazzjoni bla xkiel li tevita miżuri kontradittorji u kompetenzi allokat i b'mod ċar. Għaldaqstant, l-Aġenzija allinjat u sinkronizzat il-Parti-TCO b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni biex tiżgura integrazzjoni bla xkiel li tevita miżuri kontradittorji u kompetenzi allokat i b'mod ċar. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għamlet modifiki addizzjonali fid-dispożizzjonijiet fir-Regolament ta' Kopertura u l-Parti-ART. Differenza ewlenija bejn il-proposta inizjali u l-Opinjoni hija li l-operaturi ta' pajjiżi terzi pprojbiti issa huma eliġibbli biex japplikaw. Spjegazzjoni aktar iddettaljata dwar kif l-Aġenzija beħsieba tilħaq l-interazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 sejra tingħata fil-paragrafi 51-60.
36. Tqajjem ukoll tħassib dwar il-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Kien irrakkomandat li jitnaqqas il-perjodu għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal servizzi bl-ajru skedati jew għal katina ta' servizzi bl-ajru mhux skedati għal 30 jum. Kien meqjus importanti wkoll li r-regoli jispeċifikaw espliċitament li fil-każ ta' ħtiġijiet operattivi urġenti mhux mistennija (titjiriet ad-hoc), l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi ftit qabel id-data ta' bidu maħsuba tal-operazzjoni. Xi wħud ipproponew li jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-qafas ta' żmien għal titjiriet ad-hoc (3 s 7 ijiem) jew biex l-operaturi jiġu eżentati milli jkollhom awtorizzazzjoni meta jwettqu minn 3 sa 6 titjiriet biss.
37. Wara t-tweġibiet, l-Aġenzija kkonkludiet li l-qafas ta' żmien għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jista' jitaqqas għal 30 jum għal servizzi bl-ajru skedati jew programm ta' servizzi bl-ajru mhux skedati. F'każ ta' ħtieġa operattiva urġenti, il-qafas ta' żmien għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni tnaqqas għal 7 ijiem qabel id-data ta' bidu maħsuba tal-operazzjoni. Madankollu, l-awtorizzazzjoni ta' dawn it-titjiriet hija limitata għal massimu ta' 4 titjiriet f'massimu ta' 12-il xahar konsekuttiv. Barra minn hekk, l-operatur jista' jikseb biss awtorizzazzjoni bħal din darba f'kull sena kalendarja.
38. Fl-aħħar nett, l-obbligu li applikazzjoni tiġi pproċessata fil-qafas ta' żmien imsemmi hawn fuq, ġie allokat lill-Aġenzija u b'hekk ġie ttrasferit f'ART.200(b).

III. Spjegazzjonijiet

Metodoloġija ta' valutazzjoni

39. Kif indikat aktar kmieni, f'din l-Opinjoni, kull operatur ta' pajjiżi terzi ipprojbit huwa eliġibbli biex japplika għal awtorizzazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, saret distinzjoni bejn il-proċess ta' valutazzjoni għall-operaturi pprojbiti u dawk mhux ipprojbiti f'termini ta' skrutinju.

40. Għall-**operaturi mhux ipprojbiti**, l-analiżi tad-dokumentazzjoni sejra tiffirma l-element predominanti mill-proċess ta' awtorizzazzjoni. Sejra tkun ibbażata fuq rapporti ta' verifika tas-sigurtà rikonoxxuti internazzjonalment bħall-ICAO USOAP, l-ispezzjonijiet tar-rampa u informazzjoni oħra rikonoxxuta dwar is-sigurtà, eż riżultati tal-IOSA. Il-kombinazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni u piż xieraq u bbilanċjat tal-informazzjoni dwar is-sigurtà miksuba fil-proċess sejra tiggarrantixxi l-aktar oġġettività u proporzjonalità possibbli.
41. Huma biss dawk il-każijiet li jitolbu valutazzjoni aktar iddettaljata li ma jistgħux jiġu indirizzati b'reviżjoni sempliċi, eż għoti ta' dokumentazzjoni insuffiċjenti jew mhux aġġornata jew f'każ ta' suspett ta' tħassib marbut mas-sigurtà, l-Aġenzija għandha twettaq valutazzjoni aktar fid-dettall. Madankollu, din il-valutazzjoni ulterjuri għandha tkun limitata sal-punt meħtieġ biex tiġi stabbilita l-kunfidenza. Mhija prevista l-ebda verifika fil-fażi inizjali għall-operaturi mhux ipprojbiti.
42. Il-metodu ta' valutazzjoni applikat għall-**operaturi pprojbiti** sejjer ikun aktar komprensiv f'termini ta' skrutinju meta mqabbel mal-valutazzjoni applikata għall-operaturi mhux ipprojbiti peress li l-Aġenzija sejra twettaq ukoll verifiki fuq il-post tal-bini tal-operatur taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin iddefiniti f'ART.205(c).
- l-eżitu tal-valutazzjonijiet imwettqa, inkluż l-informazzjoni mill-konsultazzjonijiet/l-investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jindika li teżisti l-possibbiltà li l-verifika jkollha riżultat pożittiv;
 - il-verifika tista' titwettaq fil-faċilitajiet tal-operatur mingħajr l-ebda riskju li tiġi compromessa s-sigurtà tal-persunal tiegħu; u
 - l-operatur jaqbel li jiġi vverifikat.

Il-verifika tista' tinkludi valutazzjoni tas-sorveljanza mmexxija mill-Istat tal-operatur fuq l-applikant. Spjegazzjoni aktar iddettaljata dwar l-interazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 sejra tingħata f'paragrafi 51-60.

43. F'każ li ma tkun tista' tiġi stabbilita kunfidenza, jiġifieri l-operatur ma jkunx jista' juri konformità jew ikun ċar li l-Istat tal-operatur jonqos milli jiżgura sorveljanza xierqa, eż sabbilita f'verifika USAOP, l-Aġenzija ma għandhiex toħroġ awtorizzazzjoni peress li mhux sejra tissostitwixxi lilha nnifisha bħala l-awtorità ta' sorveljanza ta' dak l-operatur partikolari.
44. Fil-fażi ta' monitoraġġ, l-analiżi tad-dokumentazzjoni sejra tkun ukoll il-metodu ewlieni. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ sejjer jiġi stabbilit abbażi ta' awtorizzazzjoni preċedenti u/jew l-attivitajiet ta' monitoraġġ.
45. Fil-proposta inizjali, issir reviżjoni tal-prestazzjoni tal-operatur f'intervali li ma jaqbżux l-24 xahar. Fil-proposta attwali, dan l-intervall ta' 24 xahar jista' jiġi estiż sa massimu ta' 48 xahar abbażi tal-kundizzjonijiet li ġejjin iddefiniti f'ART.220:
- l-istat tal-operaturi jwettaq sorveljanza xierqa;
 - l-operatur ikun irrapporta l-bidliet fil-ħin;
 - ma tkun inħarġet l-ebda sejba tal-livell 1; u
 - l-azzjonijiet korrettivi kollha jkunu ġew implimentati fil-ħin u b'mod xieraq.
46. Ġeneralment, l-intervall jista' jitnaqqas jekk ikun hemm indikazzjonijiet li l-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur u/jew l-Istat tkun qiegħda tmur lura.

47. Ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida dwar il-miżuri ta' infurzar. Sejjer jiġi applikat proċess separat, rispettivament għas-"sospensjoni" u r-"revoka" ta' awtorizzazzjoni. L-Aġenzija sejra l-ewwel nett tissospendi biss awtorizzazzjoni. Billi tissospendi awtorizzazzjoni, l-Aġenzija tkun effettivament ikkontrollat ir-riskju peress li l-operatur ma jkunx jista' jopera iżjed fl-UE. Sospensjoni sejra tkun segwita minn revoka jekk matul 6(+3) xhur, l-operatur (taħt il-Parti-TCO) jew l-Istat tal-operatur (skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005) ma jkunx wera li ttieħdet azzjoni korrettiva b'suċċess jew meta l-operatur ikun inkluż fil-lista tas-Sigurtà tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
48. L-Aġenzija tista' twettaq verifika tal-operatur wara sospensjoni biss. Verifika bħal din sejra titwettaq taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk tal-operaturi pprojbiti fil-fażi inizjali.
49. Bħala konklużjoni, l-Opinjoni ġiet żviluppata fl-isfond tal-Artikolu 9(5)(d) tar-Regolament Bażiku, li jstipula li l-proċess li permezz tiegħu jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet huwa wieħed sempliċi, proporzjonat, kosteffettiv u effiċjenti f'kull każ, li jippermetti għall-ħtiġijiet u dimostrazzjonijiet ta' konformità proporzjonati mal-kumplessità tal-operazzjonijiet u r-riskju involut. L-għan tagħha huwa li tiżgura bilanċ tajjeb bejn it-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi għall-operaturi internazzjonali u jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-UE. Il-kombinazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni u piż xieraq u bbilanċjat tal-informazzjoni dwar is-sigurtà miksuba fil-proċess sejra tiggarrantixxi l-aktar oġġettività u proporzjonalità possibbli. L-analiżi tad-dokumentazzjoni ppjanata sejra tiffurma b'mod ċar l-element predominanti tal-proċess ta' awtorizzazzjoni. Madankollu, il-proċess ta' awtorizzazzjoni ma għandux ikun wieħed li ma jħalli l-ebda effett. L-għan tiegħu huwa li jaċċerta livell għoli ta' sigurtà fl-UE. Għaldaqstant, l-Opinjoni taħseb għall-każijiet li jitolbu valutazzjoni ulterjuri. Il-verifiki huma previsti fil-fażi inizjali għall-operaturi pprojbiti skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jew wara sospensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti.
50. Parti-TCO tippredvi proċess ta' valutazzjoni uniformi tal-operaturi ta' pajjiżi terzi, li għandhom l-għan li jarmonizzaw is-sistemi nazzjonali attwalment differenti fl-UE. Fil-futur, operatur ta' pajjiż terz sejjer japplika darba biss għal awtorizzazzjoni, li mbagħad sejra tkun valida madwar l-UE kollha. Parti-TCO tippredvi proċess ta' valutazzjoni uniformi tal-operaturi ta' pajjiżi terzi, li għandu l-għan li jarmonizza s-sistemi nazzjonali attwalment differenti fl-UE. Fl-aħħar nett, dawn il-kriterji ta' valutazzjoni sejr in jiġu applikati minn awtorità waħda, biex biex b'hekk jissaħħu l-ġustizzja u t-trasparenza.

Relazzjoni bejn il-Parti-TCO u r-Regolament (KE) Nru 2111/2005

51. Fil-proposta preċedenti (CRD għall-NPA 2011-05), l-Aġenzija tqis biss applikazzjonijiet ta' operaturi inklużi fil-lista tas-Sigurtà tal-UE minħabba prestazzjoni ħażina tal-operatur innifsu.
52. Madankollu, wara l-valutazzjoni tal-għażla li l-operaturi pprojbiti jingħataw il-possibbiltà li japplikaw għal awtorizzazzjoni, li ġiet ipproposta f'bosta tweġibiet għas-CRD, l-Aġenzija kkonkludiet li din issaħħaħ b'mod konsiderevoli s-sinkronizzazzjoni tal-proċessi applikati skont il-Parti-TCO u r-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Għaldaqstant, l-Opinjoni issa tippermetti lil kull operatur pprojbit japplika għal awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, kif intqal aktar kmieni, l-Aġenzija

- għamlet sforzi biex tartikola l-proċess ta' valutazzjoni b'tali mod li jsir konsistenti b'mod sħiħ mal-mekkaniżmu previst fir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
53. L-Aġenzija sejra tipproċessa l-applikazzjoni skont is-sekwenza li ġejja. Ladarba l-Aġenzija tkun irċeviet applikazzjoni minn operatur ipprojbit, l-ewwel nett sejra ssegwi l-proċedura ta' valutazzjoni rilevanti kif applikat għall-operaturi mhux ipprojbiti u tistabilixxi jekk l-operatur huwiex ipprojbit minħabba prestazzjoni ħażina tal-operatur innifsu jew minħabba sorveljanza mhux xierqa tal-Istat tal-operatur. Jekk dan tal-aħħar ikun il-każ, l-Aġenzija sejra tinforma lill-Kummissjoni [ART.205(b)] u tistenna d-deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk ikunx xieraq li titwettaq investigazzjoni tal-Istat ikkonċernat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Meta l-eżitu tal-valutazzjoni inizjali skont Parti-TCO u investigazzjoni possibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ikun pożittiv, l-Aġenzija sejra tipproċessa ulterjorment l-applikazzjoni u twettaq verifika fuq il-post tal-operatur. Verifika bħal din tista' tinkludi valutazzjoni tas-sorveljanza mwettqa mill-Istat tal-operatur fuq l-operatur ikkonċernat meta ma jkunx hemm evidenza ta' nuqqasijiet kbar fis-sorveljanza tal-operatur.
 54. L-eżitu tal-verifika sejjer jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni [ART.205(e)]. Dan sejjer jippermetti lill-Kummissjoni tħejji għall-possibbiltà ta' teħid ta' deċiżjoni fil-Kumitat tas-Sigurtà fl-Ajru. F'każ ta' eżitu negattiv, ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u l-Aġenzija sejra tirrifjuta l-applikazzjoni (ART.210). F'każ ta' eżitu pożittiv, il-Kummissjoni tista' tieħu l-inizjattiva biex tneħħi l-applikant u jekk tqis dan meħtieġ, l-operaturi l-oħra kollha mill-Istat, mil-lista tas-Sigurtà tal-UE. Ladarba l-operatur jitneħħa mil-lista tas-Sigurtà tal-UE, l-Aġenzija sejra toħroġ awtorizzazzjoni (ART.210).
 55. F'każ li l-operatur huwa pprojbit minħabba tħassib marbut mas-sigurtà tal-operatur innifsu, l-Aġenzija sejra tibda l-proċess minnufih wara l-irċevuta tal-applikazzjoni, peress li ma tkunx meħtieġa investigazzjoni tal-Istat tal-operatur skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Meta l-eżitu tal-valutazzjoni tal-Aġenzija jkun wieħed pożittiv, il-Kummissjoni tista' tieħu l-inizjattiva biex tagħmel arranġamenti biex tneħħi l-operatur mil-Lista tas-Sigurtà tal-UE.
 56. Parti-TCO tipprovdi wkoll konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 fir-rigward tal-operaturi mhux ipprojbiti. F'każ li l-Aġenzija tiddeċiedi li tirrifjuta awtorizzazzjoni, sejra tinnotifika lill-Kummissjoni dwarha [ART.110]. Il-Kummissjoni min-naħa tagħha tista' tikkunsidra li tinkludi l-operatur fil-lista tas-Sigurtà tal-UE.
 57. Meta r-rifjut ikun minħabba l-fatt li l-Istat tal-operatur ma jkunx qiegħed iwettaq sorveljanza xierqa ta' operatur partikolari, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tipprojbixxi l-operaturi kollha taħt is-sorveljanza ta' dak l-Istat. F'każ bħal dan, l-Aġenzija sejra tirrifjuta applikazzjonijiet minn operaturi oħra tal-Istat ikkonċernat, jekk ikun hemm.
 58. Fl-aħħar nett, din l-Opinjoni tiżgura wkoll konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 dwar il-miżuri ta' infurzar meħuda mill-Aġenzija. L-Aġenzija sejra l-ewwel nett tillimita jew tissospendi biss awtorizzazzjoni. Billi tagħmel hekk, minn naħa waħda r-riskju immedjat ikun qiegħed jiġi kkontrollat peress li r-riżultat prattiku jkun ekwivalenti għal projbizzjoni ta' operatur u, min-naħa l-oħra, dan jippermetti lill-Kummissjoni taqdi r-responsabbiltajiet tagħha billi tikkunsidra li tinkludi l-operatur fil-lista tas-Sigurtà.

59. Meta l-Aġenzija tillimita jew tissospendi awtorizzazzjoni, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni [ART.110(a)(2)]. Jekk il-limitazzjoni jew is-sospensjoni tkun ikkawżata minn tħassib sinifikanti marbut mas-sigurtà dwar l-Istat tal-operatur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tibda konsultazzjoni konġunta skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 mal-Istat ikkonċernat. Meta l-eżitu ta' konsultazzjoni bħal din ikun negattiv, il-Kummissjoni sejra tinkludi l-operatur (u l-operaturi kollha ta' dak l-Istat) fil-lista tas-Sigurtà tal-UE u l-Aġenzija sejra tibdel is-sospensjoni f'revoka ladarba l-operatur ikun ġie inkluż fl-Anness A (sospensjoni sħiħa). F'każ li l-operatur huwa inkluż fl-Anness B (limitazzjoni operattiva), l-Aġenzija sejra żżomm il-limitazzjoni [ART.235].
60. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom l-possibbiltà li jimponu projbizzjoni individwali fir-rigward tat-territorju tagħhom stess f'każ ta' urġenza bħala rispons għal problema relatata mas-sigurtà mhux prevista [Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005]. Sabiex jiġi evitat li jkun hemm miżuri kontradittorji, l-Istat Membru kkonċernat għandu minnufih jinnotifika lill-Aġenzija dwar l-intenzjoni tiegħu [ART.110(c)]. L-Aġenzija min-naħa tagħha sejra tiegħu azzjoni biex tillimita jew tissospendi l-awtorizzazzjoni [ART.235(a)(3)].

IV. Impatt ekonomiku jew amministrattiv tal-bidliet meta mqabbel mas-CRD

61. Approċċ proattiv u t-tiżni tal-monitoraġġ tal-operaturi ta' pajjiżi terzi, kif indikat mir-Regolament Bażiku, għandhom ovvjament impatt finanzjarju. Il-metodoloġija riveduta għandha l-għan li timminimizza ulterjorment l-ispiża assoċjata milli wieħed jastjeni minn verifiki regolari u milli jipproċessa l-applikazzjonijiet b'sett ta' kwestjonarji u analiżijiet tad-dokumentazzjoni. Barra minn hekk, il-proċess propost sejjer jiżgura l-użu xieraq tar-riżorsi tal-Aġenzija sabiex wieħed jiffoka fuq il-valutazzjoni tal-operatur li l-Aġenzija għandha livell imnaqqas ta' kunfidenza fihom.
62. Impatt dirett tal-approċċ mibdul hija l-ommissjoni tal-ispejjeż marbuta mal-ħaddiema għall-missjonijiet għaljin u kumplessi, inkluż l-involviment ta' entitajiet ikkwalifikati, filwaqt li skont il-proposta inizjali, din l-ispiża kienet tkun ta' piż konsiderevoli fuq l-industrija. Barra minn hekk, l-applikanti mhumiex affettwati mill-piż amministrattiv u ekonomiku tagħhom biex jirranġaw għal spezzjoni lokali minn tim tal-EASA.
63. Min-naħa tal-Aġenzija, huwa previst li l-metodi riveduti għall-valutazzjoni inizjali u l-monitoraġġ sejin inaqqsu l-ammont stmat ta' persunal b'terz. Il-kalkolu tar-riżori huwa limitat għall-kompiti li jitwettqu direttament mal-applikanti u fejn l-ispiża li tirriżulta tista' tiġi allokata kif ikun xieraq. L-effiċjenza tal-proċess u r-riżorsi jiddependi l-aktar fuq l-eżistenza ta' għodda tas-softwer imfassal apposta għall-ġbir u l-ħżin ta' informazzjoni marbuta mat-TCO u għall-komunikazzjoni mal-applikanti, id-detenturi ta' awtorizzazzjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
64. Tibqa' teżisti l-inċertezza dwar l-impatt tal-operaturi pprojbiti li japplikaw għal awtorizzazzjoni. Fil-preżent, madwar 300 operatur huma inklużi fil-lista tas-Sigurtà u f'każ li dawn kollha japplikaw in-numru ta' proċessi ta' applikazzjoni mistennija dan jidied drastikament, u jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-ħtiġijiet tar-riżorsi.

V. Parti-TCO**VI. Bidliet meta mqabbel mas-CRD**

65. Kif spejgata aktar kmieni, bosta dispożizzjonijiet fil-Parti-ART relatati mal-metodoloġija ta' valutazzjoni għall-fażi inizjali u ta' monitoraġġ ġew emendati biex jiżguraw li l-kriterji, kif iddefinit fl-Artikolu 9(5) paragrafu (d) tar-Regolament Bażiku, jiġu mħarsa.
66. Barra minn hekk, saru modifiki addizzjonali biex tiġi żgurata konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

VII. Taqsima I Rekwiżiti ġenerali

67. Din it-taqsima tinkludi rekwiżiti ġenerali għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu Trasport Kummerċjali bl-Ajru.
68. Il-biċċa l-kbira tar-regoli f'din it-taqsima jikkorrispondu għar-regoli proposti inizjalment fis-CRD TCO.GEN.

Kwistjonijiet speċifiċi**TCO.100 Kamp ta' applikazzjoni**

69. Din id-dispożizzjoni għadha kif ġiet introdotta u tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti-TCO.

TCO.110 Differenzi nnotifikati lill-ICAO

70. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta għal raġunijiet ta' ċarezza. Tirrifletti r-rekwiżit ta' ART.200(d) li jobbliga lill-Aġenzija tidentifika dawk l-istandards ICAO li għalihom tista' taċċetta miżuri ta' mitigazzjoni meta l-Istat tal-operatur jew tar-reġistrazzjoni jkun innotifika differenza minn standard ICAO.

Taqsima II Operazzjonijiet b-ajru

71. Din it-taqsima tinkludi rekwiżiti ġenerali għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu Trasport Kummerċjali bl-Ajru.

Kwistjonijiet speċifiċi**TCO.200 Rekwiżiti ġenerali**

72. Ir-referenza f'paragrafu (a) għar-regoli applikabbli tal-Istat tal-operatur u l-Istat tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru li jagħmlu effettivi l-istandards applikabbli li huma inklużi fl-Annessi tal-ICAO ġew imħassra biex jiġi evitat li dawn jiġu interpretati bħala li l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tivvaluta l-operatur ta' pajjiżi terzi skont ir-regoli nazzjonali ta' pajjiżi terzi. Kif intqal aktar kmieni, huwa ċar li mhijiex l-intenzjoni tal-Aġenzija li tiegħu f'idejha r-rwol tal-awtorità kompetenti ta' sorveljanza.

73. Ir-referenza għal "inċidenti serji" fil-paragrafu (e) ġiet imħassra, peress li hi meqjusa ta' piż żejjed fuq l-operaturi ta' pajjiżi terzi u l-Aġenzija. Jekk ikun meħtieġ, l-Aġenzija sejra tuża sorsi rilevanti oħra ta' informazzjoni biex tiġbor din id-dejta.

Taqsimu IV – Awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi

74. Din it-taqsimu tinkludi rekwiżiti ġenerali għall-awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu Trasport Kummerċjali bl-Ajru.

Kwistjonijiet speċifiċi

TCO.300 Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

75. Kif ġie indikat qabel, l-obbligu li applikazzjoni tiġi sottomessa 90 jum qabel l-operazzjoni maħsuba tnaqqas għal 30 jum għal servizzi bl-ajru skedati jew programm ta' servizzi bl-ajru mhux skedati u 7 ijiem għal titjiriet mhux skedati. L-awtorizzazzjoni ta' titjiriet mhux skedati hija limitata għal massimu ta' 4 titjiriet fi żmien massimu ta' 12-il xahar konsekuttiv u operatur ta' pajjiżi terzi jista' jikkombinaw biss din l-informazzjoni darba f'kull sena kalendarja. Madankollu, meta ma jkunx hemm tħassib sinifikanti marbut mas-sigurtà fir-rigward tal-Istat tal-operatur jew operatur innifsu u l-operatur jista' juri li teżisti tħtieġa operattiva urġenti, l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tipproċessa applikazzjoni li ma tiġix sottomessa 7 ijiem qabel id-data tal-operazzjoni maħsuba.

TCO.315 Validità kontinwata

76. Il-kunċett li l-awtorizzazzjonijiet għal titjiriet mhux skedati sejrini jinħarġu għal perjodu limitat ġie rifużat f'paragrafu (a)(4).

VIII. Parti-ART

77. Kif intqal aktar kmieni, qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Aġenzija li tiegħu f'idejha r-responsabbiltà tal-istat ta' sorveljanza jew li tapplika metodoloġija ta' valutazzjoni stretta. Wara li vvalutat mill-ġdid il-metodoloġija, ġie deċiż li l-intenzjonijiet tal-Aġenzija jsiru aktar ċari u għalhekk numru ta' dispożizzjonijiet fil-Parti-ART relatati mal-metodoloġija ta' valutazzjoni għall-fażi tal-bidu u l-monitoraġġ ġew emendati iż billi t-terminu "sorveljanza" tiddel f'"monitoraġġ", billi jiġu limitati l-verifiki għall-operaturi pprojbiti jew wara sospensjoni ta' awtorizzazzjoni u billi jkun permess approċċ abbażi tar-riskju meta jiġi awtorizzat u sorveljat l-operatur ta' pajjiżi terzi.
78. Barra minn hekk, saru modifiki addizzjonali biex jiġi żgurat li l-proċess skont Parti-TCO huwa allinjat mal-proċess skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

IX. Taqsima I - Ġenerali

79. Din it-taqsima tinkludi r-rekwiżiti applikabbli għall-Aġenzija fil-kuntest tal-operaturi ta' pajjiżi terzi fi, fi ħdan jew barra mill-UE.

Kwistjonijiet speċifiċi**ART.110 Skambju ta' informazzjoni**

80. Billi jiġu inklużi l-kliem "minħabba tħassib serju" fil-paragrafu (a)(2), ġie żgurat li l-limitazzjonijiet relatati mas-sigurtà biss li huma rilevanti fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jiġu nnotifikati mill-Aġenzija.
81. Ġie miżjuda paragrafu (c) ġdid biex jiġi żgurat li l-Istat Membri jinfurmaw lill-Aġenzija dwar l-intenzjoni tagħhom li jimponu projbizzjoni ta' operar fuq operatur ta' pajjiż terz fir-rigward tat-territorju tiegħu stess skont il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-Aġenzija min-naħa tagħha sejra tibda tagħmel arranġament biex tillimita jew tissospendi l-awtorizzazzjoni.

ART.200 Proċedura ta' evalwazzjoni inizjali-ġenerali

82. Paragrafu (c) ġie abbozzat mill-ġdid biex jirrifletti l-metodoloġija ta' valutazzjoni proporzjonata prevista u biex jiġi żgurat li jitqiesu wkoll il-miżuri ta' infurzar meħuda minn pajjiż terz fir-rigward tal-applikant. Ir-referenza għal verifika tħassret peress li l-Aġenzija mhux sejra tivverifika operaturi ta' pajjiżi terzi li mhumiex inklużi fil-lista tas-Sigurtà tal-UE fil-fażi inizjali. Paragrafu (e) ġie abbozzat mill-ġdid biex jirrifletti b'mod aħjar l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju applikat mill-Aġenzija. Jagħti wkoll bażi għal rifjut ta' applikazzjoni meta jkun evidenti li valutazzjoni ulterjuri hija għalxejn.
83. Paragrafu (d) ġie emendat biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tiffoka biss fuq dawg l-istandards ICAO li tista' taċċetta miżuri ta' mitigazzjoni għalihom li huma stabbiliti mill-Istat tal-operatur, l-Istat tar-reġistazzjoni jew l-operatur f'każ ta' differenzi nnotifikati skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

ART.205 Proċedura ta' evalwazzjoni inizjali – operaturi ta' pajjiżi terzi soġġetti għal projbizzjoni ta' operar

84. Din hija dispożizzjoni kompletament ġdida li tirrifletti l-kunċett li l-operaturi pprojbiti kollha jkunu eliġibbli biex japplikaw għal awtorizzazzjoni. Ġie stabbilit ukoll allinjament aħjar mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Aġenzija tipproponi dispożizzjoni separata għall-operaturi pprojbiti kif stabbilit f'din id-dispożizzjoni. Kif intqal aktar kmieni, il-valutazzjoni ta' operatur ipprojbit tista' tinkludi verifika fuq il-post.

ART.210 Kwistjoni ta' awtorizzazzjoni

85. Sar paragon bejn il-kriterji stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u l-kriterji ddefiniti f'din l-Opinjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni. Xi wħud mill-kriterji fl-Anness imsemmi hawn fuq ma ġewx riflessi b'mod xieraq fil-Parti-TCO u ġew għaldaqstant introdotti fis-subparagrafi (a)(3) u (4). Minbarra dan, is-

subparagrafu (a)(4) għe mmodifikat biex jiġi żgurat li awtorizzazzjoni tinħareġ biss meta jkun hemm evidenza ta' nuqqasijiet sistematiċi kbar fis-sorveljanza tal-Istat tal-operatur li jkollhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ta' dak l-operatur. Għe introdott subparagrafu (a)(5) biex jiġi żgurat li awtorizzazzjoni tinħareġ biss lill-operaturi li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar.

86. Paragrafu (b) għe abbozzat mill-ġdid biex jirrifletti l-kunċett li għadu kif jiġi introdott ta' titjiriet mhux skedati (ara l-paragrafu 37).

ART.215 Monitoraġġ

87. Din id-dispożizzjoni għet allinjata ma' ART.200 biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tapplika l-istess kriterji kemm fil-fażi tal-bidu kif ukoll f'dak tal-monitoraġġ.

ART.220 Programm ta' monitoraġġ

88. Il-kriterji "in-natura speċifika tal-operatur u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-operatur" li għandhom jitqiesu meta jiġi żviluppat programm ta' monitoraġġ ġew imħassra. Minkejja li dawn il-kriterji huma xierqa għas-sorveljanza tas-sigurtà mwettqa mill-Istat tal-operatur, huma meqjusa sproporzjonati għall-valutazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi mill-Aġenzija. Paragrafu (c) għe mmodifikat u jinkludi l-kunċett li l-intervall ta' 24 xahar jista' jitnaqqas f'każ ta' indikazzjonijiet li l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur ikunu tnaqqsu. Għadha kif għet introdotta l-possibbiltà li l-intervall jiġi estiż sa massimu ta' 48 xahar taħt ċerti kundizzjonijiet.

ART.230 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi

89. Peress li l-verifika huma previsti biss għal operaturi pprojbiti jew wara sospensjoni ta' awtorizzazzjoni eżistenti, paragrafu (b)(2) sar żejjed u għalhekk għe mħassar. Ir-referenzi għall-"proċeduri u l-manwali tal-operatur" ġew imneħħija mill-paragrafu (c) peress li l-Aġenzija mhux sejra tiskrutinizza l-operaturi ta' pajjiżi terzi b'daqshekk dettall. Sabiex tingħata aktar flessibbiltà lill-Aġenzija u lill-operatur għall-implimentazzjoni ta' pjan korrettiv, ir-referenza għal 3 xhur fis-subparagrafu (e)(2) għet imħassra.

ART.235 Limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjonijiet

90. Din hija dispożizzjoni ta' infurzar kompletament ġdida. Tibni fuq id-dispożizzjoni ta' infurzar li għet ippreżentata inizjalment fl-NPA. Kif diġà ntqal aktar kmieni, il-bidla ewlenija fil-proposta inizjali hija li l-proċessi separati sejrini jiġu applikati rispettivament għas-"sospensjoni" u r-"revoka" ta' awtorizzazzjoni. L-ewwel nett l-Aġenzija sejra tissospendi biss awtorizzazzjoni. Sabiex tneħħi sospensjoni, l-Aġenzija tista' tivverifika lill-operatur jekk il-kundizzjonijiet iddefiniti f'ART.205(c) ikunux ġew imħarsa. Is-sospensjoni sejra tkun segwita minn revoka jekk matul 6(+3) xhur, l-operatur (skont il-Parti-TCO) jew l-Istat tal-operatur (skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005) ma jkunx wera li ttieħdet azzjoni korrettiva b'suċċess jew meta l-operatur ikun inkluż fil-lista tas-Sigurtà tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Paragrafu (f) għe introdott biex jiżgura allinjament mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.